MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tat-12 ta' Lulju, 2007

Appell Kriminali Numru. 187/2007

Il-Pulizija
(Spt. M. Tonna)
vs.

Justin Zammit

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fil-11 ta' Dicembru, 2006, u fiz-zmien qabel din id-data waqt li kien gewwa l-Junior College, Gann Frangisk Abela, Hamrun, waddab oggetti iebsin, u cioe' flixken tal-hgieg ghal barra ghal go triq pubblika, b'periklu ghal min ikun ghaddej fl-istess triq.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tas-27 t'April, 2007 li biha ddikjarat il-kaz preskritt u dan bazi tal-Artikolu 688 (f) tal-Kodici Kriminali.

Rat ir-rikors tal-appellant Avukat Generali minnu pprezentat fil-15 ta’ Mejju, 2007, li bih talab lil din il-Qorti joghgobha tirrevoka s-sentenza appellata, tiddikjara l-azzjoni mhix preskritta, tisma' l-provi, ssib il-htija w tinfliggi l-piena skond il-Ligi.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellat esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravju tal-appellant Avukat Generali hu s-segwenti :- li l-Ewwel Qorti qalet erronjament li l-azzjoni kienet preskritta . Illi hu veru li l-agir tal-appellat kien sar f' Dicembru, 2005, izda hadd ma kien jaf b' dak li gara u ferm aktar il-Pulizija. Illi ma kien hemm ebda traskuragni ta' hadd u allura l-azzjoni ttiehdet skond dak dispost fl-artikolu 692 tal-Kodici Kriminali li jghid li meta l-awtur tar-reat [RECTE "delitt"] ma jkunx maghruf il-preskrizzjoni ma tibdiex timxi. Inoltre l-Pulizija saret taf bl-awtur tar-reat fit-12 ta' Dicembru, 2006.

Semghet it-trattazzjoni;

Ikkonsidrat;

Illi l-art. 692 tal-Kodici Kriminali jiddisponi li z-zmien tal-preskrizzjoni ghad-delitti ma jibdiex jimxi meta l-hati ma jkunx maghruf.

Illi pero' ir-reat dedott kontra l-appellat ma huwiex delitt imma kontravvenzjoni w ergo mhux applikabbli ghalih l-artikolu 692 u din l-imputazzjoni tkun preskrivibbli bil-passag ta' tlitt xhur mill-kommissjoni tal-allegat reat skond artikolu 688 (f), jafu jew ma jafux bih il-Pulizija.

Ghalhekk l-appell tal-Avukat Generali jidher infondat.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tichad l-appell tal-Avukat Generali w tikkonferma is-sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------